MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 78/2006

Carmelo sive Charlie Camilleri

-vs-

Joseph u Grace konjugi Said u ghal kwalunkwe interess li jista' jkollha Rita armla ta' Salvatore Camilleri

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti ppremetta:

1. Illi huwa proprjetarju ta' porzjoni art li sad-data tal-kuntratt ta' donazzjoni rrevokabbli, li jgib id-data tat-30 ta' Settembru 1997 (atti Nutar Paul George Pisani - hawn anness markat bhala Dokument CC) kienet annessa mad-dar tar-residenza tal-konjugi Salvatore u Rita Camilleri, bla numru u maghrufa bl-isem "Mater Dolorosa", fi Triq Santa Lucija, Kercem, Ghawdex u li hija tal-kejl ta' cirka mitejn u disgha u tmenin metri kwadri (289mk) u tmiss

mit-tramuntana ma' Triq Santa Lucija, nofsinhar ma' Triq Qasam San Pawl u punent ma' beni dak iz-zmien ta' l-istess donanti Salvatore u Rita konjugi Camilleri, liema art giet trasferita bhala libera u franka bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha u bil-pussess vakant u kif ahjar murija delinejata bil-kulur ahmar fuq il-pjanta u site plan annessa mal-kuntratt u markata bhala Dokument A.

2. Illi fuq l-istess art hemm mibnija llum id-dar tar-residenza ta' l-istess rikorrenti bl-isem "Ponderosa", St Lucy Street, Kercem, Ghawdex kif ukoll zewg garages wiehed fuq St Paul's Fief Street u l-iehor fuq Triq Santa Lucija, Kercem, Ghawdex li huwa okkupat minghajr ebda titolu validu fil-ligi mill-istess Joseph u Grace konjugi Said.

3. Illi oltre dan tezisti bieba li mill-istess post bl-isem "Mater Dolorsa", fi Triq Santa Lucija, Kercem, Ghawdex taghti ghal fuq il-mandra proprjeta' ta' l-istess rikorrenti, kif ukoll hemm tieqa li minn dan il-fond hawn fuq imsemmi taghti ghal gol-mandra proprjeta' tar-rikorrenti, kif ukoll ricentement infethet tieqa ohra mill-intimati Joseph u Grace konjugi Said li mill-fond li huma bnew fis-sular ta' fuq tal-post bl-isem "Mater Dolorosa", fi Triq Santa Lucija, Kercem, Ghawdex taghti ghal fuq il-garage li huwa mibni fuq il-proprjeta' tar-rikorrenti u li fil-prezent huwa okkupat bla ebda titolu mill-istess Joseph u Grace konjugi Said;

4. Illi l-konvenuti Joseph u Grace konjugi Said illegalment u kontra l-ligi nizlu wkoll katusi ta' l-ilma u tad-drenagg ghal fuq l-istess mandra proprjeta' ta' l-attur;

5. Illi l-konvenuti nonostante li gew interpellati sabiex jizgumbraw definittivament mill-istess garage u jghalqu b'mod permanenti t-twieqi u l-bieb u li jnehhu l-istess katusi, dawn baqghu nadempjenti;

Talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-porzjoni art hawn fuq deskritta u li hija tal-kejl ta' cirka mitejn u disgha u tmenin metri kwadri (289mk) u tmiss mit-tramuntana ma' Triq Santa

Lucija, nofsinhar ma' Triq Qasam San Pawl u punent ma' beni dak iz-zmien ta' l-istess donanti Salvatore u Rita konjugi Camilleri u kkulurita bil-kulur ahmar fuq il-pjanta u site plan annessa mal-kuntratt ta' l-akkwist ta' l-istess rikorrenti, datat tletin (30) ta' Settembru 1997 (atti Nutar Paul George Pisani) - hawn anness u markat bhala Dokument CC hija proprjeta' esklussiva ta' l-istess attur, liema proprjeta' giet lilu trasferita bis-sahha tal-kuntratt hawn fuq citat bhala libera u franka, bil-pussess vakant u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha;

2. Konsegwentement tiddikjara illi l-istess konvenuti Joseph u Grace konjugi Said qeghdin jokkupaw il-garage li jaghti ghal fuq Triq Santa Lucija, Kercem, Ghawdex u li huwa mibni interament fuq il-proprjeta' ta' l-istess attur minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

3. Tordna ghalhekk lill-istess konvenuti Joseph u Grace konjugi Said sabiex fiz-zmien qasir u perentorju li jgi lilhom prefiss jizgumbraw definittvamet mill-istess fond ossia garage mibni fuq proprjeta' ta' l-istess attur, liema proprjeta' giet akkwistata bil-kuntratt hawn fuq citat (Dokument CC) u jghaddu lura lill-attur il-pussess vakant ta' l-istess proprjeta'.

4. Tiddikjara ukoll illi zewg twieqi u bieb huma miftuha illegalment u kontra l-ligi ghal fuq il-proprjeta' ta' l-istess attur kif ukoll tiddikjara illi l-istess konvenuti Joseph u Grace konjugi Said ma kellhom l-ebda dritt li jnizzlu l-katusi tad-drenagg u ilma mill-fond taghhom ghal gol-proprejta' ta' l-atturi;

5. Konsegwentement tipprefiggi terminu ta' zmien qasir u perentorju li fih l-istess konvenuti jew min minnhom ghandhom jghalqu permanentement l-istess zewg twieqi u bieb kif ukoll li jnehhu l-istess katusi li hemm jaghtu ghal fuq il-proprjeta' ta' l-istess attur;

6. F'kaz li l-istess zmien jghaddi inutilment ghaliex l-istess attur m'ghandux jigi awtorizzat li jaghmel ix-xoghol kollhu huwa stess sabiex jaghlaq b'mod permanenti l-istess bieb u twieqi u jnehhi l-istess katusi u

dana ghas-spejjez ta’ l-istess konvenuti jew min minnhom u taht id-direzzjoni ta’ perit arkitett li jigi nominat ghall-istess fini.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-ghoxrin (20) ta’ Gunju 2006 u bl-ingunzjoni ta’ l-istess konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharka.

B’riserva ghall-azzjoni ghad-danni.

Rat illi minkejja li l-konvenuti gew debitament notifikati bl-atti tal-kawza kif ukoll bl-avviz ghas-smiegh ghal meta giet appuntata din il-kawza, dawn baqghu kontumaci u ma deherux fis-seduta tal-lum.

Rat in-nota ta’ l-atturipprezentata fis-seduta tal-lum stess permezz ta’ liema huwa  ceda l-mertu tal-kawza pero’ zamm ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Semghet lill-attur jixhed fejn spjega illi llum il-mertu huwa ezawrit peress li fil-mori ta’ dawn il-proceduri l-konvenuti kienu nehhew il-garaxx li kienu bnew fuq l-art tieghu, ghalqu l-aperturi u l-katusi li jissemmew fir-rikors guramentat u vvakaw mill-proprjeta’ tieghu.   Il-konvenut zamm ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Fic-cirkostanzi ghalhekk filwaqt li l-Qorti tiddikjara li l-meritu tal-kawza huwa llum ezawrit, tiddiciedi dwar il-kap ta’ l-ispejjez billi tordna illi dawn ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenuti solidament bejniethom in kwantu mill-atti jirrizulta li fil-mori tal-proceduri l-konvenuti adirixxew ruhhom mat-talbiet tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------